MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 818/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Clive Bonnici (I.D. 195081M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u wiehed u disghin euro u tnejn u sebghin centezmu (€491.72) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta' April 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€491.72), bl-interessi u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------